# IL-QARĊILLA

Kitba taż-żwieġ ta' John u Virġinja
oriġinata, dokumentata,
iffirmata, bollata u insinwata
mill-Illustri Manifku Nutar
Klement Armani-Zarmani



ILLUM 28 TA' FRAR 2014

Ħbieb tagħna, isimgħu,
U tinsew qatt,
Dak li se niktbu llum f'dan il-kuntratt,
Biex kull tilwima nevitaw... kull ġlieda,
Jeħtieġ li lkoll kemm intom tkunu x-xhieda;
F'dil-kitba taż-żwieġ bejn l-għarusa:
Virġinja Grima-Rampila
Li isimha mhux xhieda ta' għemilha;
Bint Andre Seguna ex-Ministru, li bl-akbar devozzjoni
Mexa dejjem fuq il-passi ta' Berlusconi.
U l-għarus
Ġuvni baħbuħ, ħabrieki, raġel ideali
Sinċier, onest: John Criminali;
Bin l-Imħallef Ernestu
Imħallef li fih żgur ma tista' tgħid xejn,
Għax ixxaħħam biss xi darbtejn;
Bis-saħħa ta' dil-kitba taż-żwieġ,
L-għarusa se tingħata dak kollu li teħtieġ,
U żewġha se jkun sab fortuna
Għalkemm tfajjel mistħi,
Se jkollu ġid aktar miż-żieda kollha tal-Ministri.
U biex kollox isir sewwa u dubji ma jibqax
Se niffirmawha llum
Tmienja u għoxrin ta' Frar elfejn u erbatax!

Nibdew dil-lista twila,
Dan l-elenku,
Bl-aktar ħaġa utli għall-miżżewġin,
L-aktar li tgħinhom biex jibqgħu maħbubin;
Mhux biss is-sodda matrimonjali
Li fuqha tista' tieħu waħda papali,
Imma wkoll saqqu tal-ilma
Għal sodda ta' bi tnejn,
Għalkemm mhux ġdid fjamant
Ma damx jintuża aktar minn sentejn.



Arawh kemm huwa komdu u sabiħ,
Garanzija ta' lejl tassew mistrieħ,
Jiċċaqlaq u jitbandal f'nofs il-kamra
Tistħajlek fuq *lilo* r-Ramla l-Ħamra;
U meta żewġha ttih is-saħna
U jgħidilha "Ersaq 'l hawn, ħanini!"
Jerħulha jsalpaw qishom dgħajsa bil-klandestini!
Das-saqqu donnu ġarrab xi ftit, miskin,
Fih irqajja' u tiswija mhux ħażin;
Għax dawk li użawh qabel, lejl wara lej'
Naħseb li kienu qraw il-*Fifty Shades of Grey...*
Hi libset tat-Tigra... imperrċa quddiemu,
U hu fettillu libes ta' Xummiemu...
U s-saqqu jaħasra... o x'dulur!
F'kemm trodd salib sar passatur!
Imm'issa ssewwa kollox, għax ilbiraħtlula
Għamilnielu kull roqgħa daqs ravjula.
Hawn l-aħwa, ifluh sewwa, ħarsu ftit,
Ġie sod u artab donnu saqqu ġdid!
U fih ukoll vantaġġ
Għax jekk mal-lejl tiżloqlok,
Jew forsi toħlom li qed tpixxi,
Tista' twaħħal fis-saqqu... għid li qed inixxi!

U biex l-għarajjes jgħixu żgur ferħana
Rigal ħelu rċevew mingħand ta' Kana,
Araw daqsxejn dil-biċċa kif inhi:
Qegħdin jagħtuhom dana l-MP3
Biex jekk bejniethom jinqala' xi diżgwid,
Xi ġlieda, xi tilwima, xi taħwid...
Jixegħlu l-MP3 u fil-mument
Joqogħdu jisimgħu d-dibattiti mill-Parlament,
U jindunaw li l-ġlidiet tagħhom huma biss vavati
Ħdejn dawk li jwettqu hemm ġew id-deputati:
L-insinwazzjonijiet, tgħajjir, tixwix, tingiż,
F'dik l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż!

Rigal qed joffru wkoll bla telf ta' żmien
Tal-One Tv u n-Net it-tnejn flimkien;
Sabiex id-dar bil-kbir jirranġawhielha
Il-kamra tal-banju diġà bidluhielha,
Għax kulħadd qal li dik li kien hemm qabel
Kienet il-vera kamra tal-qamel;
Din li għamlu issa... kamra ta' re
Bix-xawer doppju u bil-bedè;
Bil-banju stil Ruman b'saqajn bħal ta' bebbuxu
Biex meta tkun qed taħsel sormha
U l-paxuxu,
Tkun tista' titbaħbaħ u tixxaħxaħ ġo spazju kbir,
Qisha Pompea fil-ħalib tal-ħmir!
U quddiemha, fuq sitt panelli
Hemm tħares lejha l-Venere tal-Botticelli.

Il-kunjatu hawn qed joffri
Li jagħtiha apparat,
Modern mill-aktar sofistikat,
Dan qisu forn li jtik ikla perfetta
Għax fih hemm programmat elfejn riċetta,
Kemm tagħfas ftit buttuni u bla tfixkil
F'nofs siegħa jkun sajjarlek *three course meal,*
U b'hekk l-għarusa flok fil-kċina ħdejn in-nar
Tkun tista' fuq il-Facebook tqatta' nofstanhar,
U toqgħod tikteb, bl-akbar interess,
Il-ħajja taż-żwieġ kemm ġabitilha stress.
Imma dan l-apparat... dan il-forn ġdid
Ħeqq... tafu intom, għadu prototip,
Instemgħu każi fejn l-ikla kollha nħliet
U l-laħam ġie *well done* għal sitt darbiet,
Jekk jiġri hekk... allura... ċikubriku
Hemm il-McDonalds, Maxims jew Neriku!



Kif qed taraw, xejn m'hawn li sar bl-addoċċ,
Rigal imiss mill-Aġenzija Appoġġ!
Biex imħabbithom dejjem tkun fiż-żgur,
L-Appoġġ qegħdin jaħsbulhom għall-futur,
Għalkemm dan ir-rigal, li jiswa l-flus,
Jidher li donnu aktar għall-għarus;
Fil-fatt hi tgawdi minnu mhux bi ftit
Għax bih, il-gost tas-sess hu ggarantit!
Se jtuha gradenza bil-kaxxi fgata
Kollha Viagra sa fuq ippakkjata,
Għax għalkemm il-ġuvni llum donnu serduq
U l-boxxla tiegħu timmarka r-riħ fuq,
Għad jasal żmien li jaf jagħtih xokk
Meta l-boxxla tiegħu tibda turi x-xlokk,
Għalhekk hawn għandkom dil-ħażna kbira
Għal meta l-boxxla tibda tirtira,
U m'hemmx għalfejn rasu jibda jħokk
Li l-pilloli jkunu *out of stock*.
U b'hekk l-għarusa tħossha ferħana
Bil-boxxla timmarkalu t-tramuntana,
Għax b'doża ċkejkna b'daqstant potenza,
Fejn teħel in-natura, tkompli x-xjenza.
Imma sa ma jasal dan iż-żmien tassew
Nittamaw li l-pilloli ma jkunux skadew!

U issa għandna sorpriża kbira
Għax il-parrina tatha arloġġ tal-lira,
Arloġġ speċjali, minn kollox fih
Jurik is-sħana, il-bard u r-riħ,
Jurik il-qamar ikunx ġa deher,
Anki 'k tinzerta li tkun *leap year.*
Hemm iżda drabi li inkwiet jaf jagħti:
Il-minutieri ftit iġġammjati,
U meta ndawru s-siegħa u jitwalu l-jiem,
Jaf imur lura, flok 'il quddiem;

Imma dan veru arloġġ prezzjuż
Żgur jirrendilek salott lussuż,
U 'k forsi żewġek, b'nervi mżarrtin,
Jarma jsejjaħlek, għax sar il-ħin,
U jibda jsabbat saqajh mal-art
Għaliex tort tiegħek, se taslu tard;
Waqt illi huwa jżarrat bl-addoċċ,
Int oqgħod kalma, waħħal fl-arloġġ!

U issa wasal rigal lussuż
Li tista' tgħidlu "meraviljuż"
Fih tidher l-għaqda ta' żewġ pajjiżi:
Mill-Enemalta u xi Ċiniżi.
Se jtuha linfa qisha qaqoċċa,
Ikbar u isbaħ minn tal-parroċċa,
Kull min iħares lejha jinħall,
Bi tletin globu... kollox kristall.
Hemm biss id-denduliet it-twal neqsin,
U hemm xi erba' brazzi miksurin,
Iżda dan inkwiet żgħir... la taf x'inhu,
Kollox jissewwa b'nitfa *super glue.*
Kif qed taraw, din bozoz ma fihiex,
U dan apposta.... biex ma tixgħelhiex
Għax jekk tixgħelha, żgur l-inkwiet jinġema'
Xħin tara l-kont tad-dawl ġie mogħla s-sema!

Wasalna issa fl-aktar mistennija,
Araw xi ġmiel... xi ħlew ta' bjankerija,
Kollox mill-aqwa... mgħoddijin u lesti
Lożor, xugamani kbar u investi;
Kien hemm xi tbajja' f'kull liżar u xugaman
Iżda tiskanta x'mirakli jagħmel id-Dixan,
Wara għorka sewwa, kollox ġdid reġa' ġie,
Sa anki telqet ir-riħa tal-pipì,

Tinkwieta xejn li l-lożor
Fihom irqajja' kbar,
Naċċertawk li d-drapp tar-roqgħa
Aktar b'saħħtu minn tal-liżar.
U x-xugamani bojod silġ.... brillanti;
Bellusin u rotob, ġodda fjamanti;
Toqgħodx tistaqsi din x'biċċa hi
Li fuqhom kollha hemm miktub M.D.

U issa ġej rigal kontra l-istress
Offrut bl-isbaħ xewqat mill-PBS,
Sett tat-televiżjoni minn dawk l-aktar ġodda
Li tista' ddendlu flok inkwatru
Fil-kamra tas-sodda!
Biex meta żewġha jkun irid...
U hija forsi ma jkollhiex aptit;
Flok toqgħod tgħidlu li għandha n-ngħas
Jew li qabadha wġigħ ta' ras!
Tixgħellu t-televixin u b'ħerqa kbira
Toqgħod tara ta' *Becky* jew *Żafira,*
U żewġha bla dewmien jaqtagħha
Li jippreferi ta' Becky milli tagħha!

Naqrawlkom bil-ferħa din-nota uffiċjali
Mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali;
Din ħaġa li jagħmilha biss kultant
Qed joffri ġentilment dal-*Marriage Grant:*
*Children's Allowance* tripla fuq it-tfal
Li tibqa' tgħodd għal meta jkunu kbar;
Anki jekk jibdew jaħdmu u jistinkaw
U fl-istess ħin jibqgħu jirreġistraw!
Jingħataw bonus uniku u primarju,
Għal għaxar snin, dejjem fl-anniversarju;
U biex la jbatu faqar u lanqas għaks:
Eżentati sitt snin mill-*Income Tax.*

U issa ġej rigal li kien fih spiża
Li għall-għarusa żgur se jkun sorpriża;
Rigal li kważi tista' tqiegħdu f'bozza;
Il-missier ġeneruż xtralha karozza!
Is-*seats* bil-*fur* tat-tigra infurrati
Il-pjanċi huma ġa personalizzati,
U qatt ma naf li nqalbet ta' taħt fuq,
Karozza affidabbli: startja u suq!
Ma jista' jifhem ħadd din kif inhi
Li ġa weħlet darbtejn mill-VRT.
Tassew li ġieli ddaħħan xi daqsxejn
Preċiżament kif din taqbeż l-erbgħin;
U tisħon tbaqbaq qisha kaldarun
Kull meta naqbdu t-telgħa ta' Selmun;
Tassew li għandha t-tajers mikulin
U darba skidjat sewwa ħdejn Kordin,
Imma s-surġent kien tabilħaqq baħbuħ,
Qalilhom: "Dik is-siġra... kienet xorta għall-qlugħ!"
U biex jaqduk mill-koxxa u mill-aħjar,
Qed jabbonawk ma' grupp tal-irmunkar!

L-għarus ħareġ b'rigal wisq effettiv
Dan ċertament rigal edukattiv,
Rigal li tul il-ħajja jibqa' jgħodd:
Il-Miklem sħiħ ta' Serracin-Inglott.
Għax skont ma qalu... u b'dan ħadd mhu sorpriż,
L-għarusa la taf Malti sew u anqas Ingliż;
Kollu tort ta' missierha Andre
Li derrieha titkellem bħal tal-pepè;
U s-sitwazzjoni żgur mhijiex taċ-ċajt
Minflok "ħlomt" tgeżwirlek "id*dream*jajt!"
U tgħid nipplejja, niffrajja u salt taħwid
Ma nafx il-Miklem kemm se jkun ta' ġid!
Bilħaqq... minn dak li qalu... għandu jkun
Mis-sett hemm nieqes biss l-aħħar volum;
Imma tinkwieta xejn, ma jimpurtax,
Il-kliem biż-"Ż" jaqbillek ma tużax!



Missierha wkoll qed joffri tapit storiku,
Li ilu s-snin merfugħ,
Kien wirtu n-nannu Karmnu mingħand bużnannuh,
Kemxejn imkagħbar
U mhux bħal tar-reklami,
Fis-sena elfejn u erbgħa kienu bagħtuh lil taz-Tsunami,
Imm'għalkemm tapit sabiħ u bil-bordura
Ma kienx għoġobhom...
U kienu bagħtuh lura!
Tapit storiku tassew... li jaf l-"hosanna"
Għax fuqu n-nannu kien jinħabb man-nanna,
Kien jippreferi fuqu
Milli fuq sodda timmolla
Li ż-żaqżiq tagħha kien iqajjem id-dar kollha.
U minn studju bir-reqqa, mill-esperti tagħna,
Tat-tbajja' li fit-tapit bil-wisq kotrana,
Nistgħu llum nagħtukom din-notizja:
In-nannu xejn ma kien jimxi mat-tagħlim tal-knisja!
Dan it-tapit illum hu preġjat wisq
Għax ċertament f'kull dar iġib ir-risq.

Hawn għandkom rigal sew kif għandu jkun
Maħsub perfettament għall-*honeymoon,*
Ġita f'post sbejjaħ... kulħadd jaf fejn hu
Nofs Malta marret fih: Korfù;
Vaganzja ta' suċċess bil-garanzija,
Kollox inkluż mit-Tours tal-Fantażija!

U issa ġej rigal li jagħmel sens
Mingħand iz-zija li tgħix San Vinċenz,
Rigal li min jaf kemm ilu li nxtara,
Illi mingħajru mara ma tkunx mara!
Tad-deheb mill-aktar fin hawn għandha sett:
Ġiżirana, ċappetta, imsielet u ċurkett.
Ma nafux sewwasew kemm hu l-karat
Inkella jekk hux biss ram ibbanjat!

Kif tħares kemxejn lejh tħossu jpaxxik,
U jidher minnufih kemm hu antik;
Tal-ġiżirana fosos ilkoll neqsin
Jgħidu kienu djamanti... ilu s-snin,
Anki dawk taċ-ċurkett ma baqgħux sħaħ
Wara li l-kelb kien belgħu u ppurgah;
Fost is-sett kollu l-isbaħ iċ-ċappetta
Għad għandha l-fosos kollha u perfetta;
Iżda tippruvax tilbisha f'dan l-istat
Għaliex il-molla ilha li llaxkat.
L-imsielet tabilħaqq fihom kapriċċ,
'K tgħattihom b'xagħrek
Ma jidhru xejn li mhux pariġġ.
Settijiet ta' dat-tip wisq skarsi saru,
Ibża' għalih għax ma ssibx sett ieħor bħalu!

U biex li ridna ngħidu jkun intqal
Wasalna bit-tqanżih fl-aħħar rigal;
Tħossok iġġib għajnejk wara widnejk,
Għax dan offrietu l-MEPA... mhux bin-nejk!
Sabiex tgħix veru ħajja ta' sinjura
Qegħdin joffrulha post villeġġjatura!
Se jkollha verament post biex tiftaħar
Jinsab mhux żgur tliet metri bogħod mill-baħar;
Għalkemm post ċkejken, fih mistrieħ u sliem,
Għandu mal-bieb purtiera għad-dubbien;
U biex fi kliemi nkun tassew sinċier
Tajjeb tkun taf li dan jinsab l-Armier;
U anki qed jistqarru l-MEPA stess
Li dan il-post inbena bla permess!
M'għandux għalfejn jonqoslok il-kuraġġ
Minħabba l-fatt li lanqas hemm drenaġġ;
U fl-art jinġemgħu trabijiet mhux ftit,
Għaliex minflok madum hemm biss konkrit.
'Mma tisma' l-ħoss tal-baħar kollu ħlewwa
U jekk ikun maltemp, jidħollok ġewwa!



U issa biex jitwarrab kull inkwiet
Hawn lista ta' ftit kundizzjonijiet:
L-għarus hawn qed jintrabat b'kundizzjoni,
Li 'l martu joffri dejjem protezzjoni,
Għalhekk biex din tkun ħaġa konklużiva
Jintrabat li jekk martu tmur bl-Arriva,
Jakkumpanjaha minn xħin titlaq mid-dar,
B'ċilindru aħmar tat-tifi tan-nar.
U biex tedha fil-vjaġġ, bla ma tħoss piż,
Jaqralha r-rumanz sħiħ ta' *War & Peace.*

L-għarusa wkoll qed torbot lill-għarus
Li m'għandu qatt, biex jidher tal-gustuż,
Jew biex mal-ħbieb jindiehes u jinħabb
Jirfes il-għatba ta' Gentlemen's Club,
U tul ħajtu kollha ma jikkunsidrax
Li qatt imur għal *Full Body Massage;*
U joqgħod jitpaxxa b'min jagħmillu żiżi...
La għand Maltin u lanqas Ġappuniżi!

Missier l-għarusa jrid jagħmilha ċara
U bl-akbar saħħa qiegħed jiddikjara,
Li biex dak illi ntqal jidħol fl-azzjoni
Jeħtieġ li jagħmel din il-kundizzjoni:
'K ikollhom tifel daqs nannuh grazzjuż
Jissemma għal De Caprio jew għal Tom Cruise,
Jekk tifla bjonda, ħelwa u dħulija
Tissemma fis għan-nanna: Ann-Marija
U jekk subien tewmin... skont dan l-editt,
Wieħed jissemma Brad u l-ieħor Pitt.

Jekk iżda jfalli kollox intortament
U jaslu għad-divorzju jew l-annullament,
L-għarusa ma tagħmilx tajjeb għad-dejn,
U minn kulma ssemma, l-għarus ma jieħu xejn;

Jew forsi biex jieħu dak li ħaqqu
Jista' jikseb biss dak is-saqqu
Biex biċ-ċaqliq tal-ilma fin-nofs u fil-ġenb,
Jiftakar li l-ħajja fiha biss maltemp.

U issa sabiex naslu f'konklużjoni
U ntemmu lkoll flimkien din l-iskrizzjoni
Nitlob 'l-għarajjes sabiex jersqu 'l haw'
U bl-akbar konvinzjoni jiffirmaw;
Insejjaħ hawn ukoll liż-żewġ sinjuri:
Liż-żewġ missirijiet... il-ġenituri,
U biex intemmu daċ-ċertifikat
Niffirma jiena wkoll, f'isem l-Istat.
U intom hawn miġbura, ħudu ħsieb
Li tkunu xhieda lkoll, kemm qraba u ħbieb;
*(lill-għarus)* Ġuvnott, ħoss dal-piż nobbli fuq spallejk
Pass serju bħal mhu dan teħdux bin-nejk.
*(lill-għarusa)* U inti xbejba, żewġek għandu bżonnok
Oqgħodlu kif lill-pa qagħditlu ommok!
U lilkom, ħbieb, ngħidilkom titbegħdux
Għax daqt nerġgħu niltaqgħu, ma ndumux.
Għad fadal salt rigali isbaħ u oħla
Meta t-tarbija tasal... tliet xhur oħra!

© Trevor Żahra